MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 1038/2018 GM**

**Reactilab Limited**

**vs**

**Caroline Debattista (KI 17260A) eżercenti l-kummerċ taħt 'Hush Hair & Beauty Salon'**

Seduta tat-12 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fit-22 t'Ottubru 2018 li permezz tiegħu ġie premess illi:

1. Illi s-soċjeta' rikorrenti tissupplixxi diversi prodotti kosmetiċi, inkluż dawk tad-ditti 'New CID Cosmetics' u 'Dr. Grandel Kosmetik';

2. Illi s-soċjeta' rikorrenti daħlet f'kuntratt mal-intimata, datat 20 ta' Settembru 2017, fejn il-partijiet ftehmu li r-rikorrenti kellha tikkonsenja diversi prodotti kosmetiċi lill-intimata sabiex

l-intimata tbigħhom mill-ħanut tagħha, u dan skont it-termini u kundizzjonijiet pattwiti (*vide* l-kuntratt esebit bħala Dok A);

3. Illi r-rikorrenti silfet ukoll żewġ *stands* lill-intimata, waħda bil-prodotti ta' 'New CID Cosmetics' u l-oħra bil-prodotti ta' 'Dr. Grandel Kosmetik', kif jirriżulta minn klawżola 3.4 tal-kuntratt;

4. Illi l-partijiet qablu li kemm l-*istands* kif ukoll il-prodotti suppliti kellhom jibqgħu propjeta' tas-soċjeta' rikorrenti;

5. Illi l-intimata kellha diversi obbligi naxxenti minn dan il-kuntratt, inkluż *inter alia* li timmarka l-prodotti suppliti mir-rikorrenti b'tabelli apposta biex tiddistingwiehom minn prodotti oħra mibjugħa fl-istess ħanut (klawżola 3.3), li tagħti rendikont mensili lir-rikorrenti rigward l-ammont ta' prodotti mibjugħa f'dak ix-xahar, u li tħallas l-ammont ta' sitta u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€66.67) kull xahar għall-*istand* ta' 'New CID Cosmetics' (klawżola 3.4);

6. Illi inoltre l-intimata xtrat xi prodotti oħra mingħand is-soċjeta' rikorrenti, kif ser jirriżulta fis-smiegħ tal-kawża;

7. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx sostenibbli stante li fi stadju bikri tar-relazzjoni, l-intimata bdiet taġixxi b'mod agressiv mal-ħaddiema tas-soċjeta' rikorrenti;

8. Illi dan kollu wassal lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tittermina r-relazzjoni kummerċjali, u tiftiehem data mal-intimata biex ir-rikorrenti tkun tista' tiġbor l-*istands* bil-prodotti li kienu jinsabu fl-istabbiliment tal-intimata;

9. Illi minkejja li kienet debitament avżata, l-intimata naqset milli tagħti aċċess għall-ħanut tagħha f'iżjed minn okkażjoni waħda, b'riżultat illi s-soċjeta' rikorrenti kienet kull darba kostretta tikkanċella l-arranġamenti li kellha u ssofri d-danni relattivi, kif ser jiġi ippruvat fil-kawża;

10. Illi r-rikorrenti interpellat lill-intimata ripetutament biex tonora l-obbligi tagħha, inkluż b'ittra legali datata 12 ta' Frar 2018 (*vide* Dok B), iżda l-intimata baqgħet inadempjenti u għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti kienet kostretta tapplika għall-ħruġ ta' mandat ta' qbid, u tintavola l-kawża odjerna.

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

i. tiddikjara li s-soċjeta' rikorrenti hija l-propjetarja taż-żewġ *stands* bil-prodotti tan-'New CID Cosmetics' u ta' 'Dr. Grandel Kosmetik', li ġew elevati permezz tal-mandat ta' qbid bin-numru ta' referenza 1569/2018;

ii. tawtorizza li dawn iż-żewġ *stands* bil-prodotti tan-'New CID Cosmetics' u ta' 'Dr. Grandel Kosmetik' li ġew elevati permezz tal-mandat ta' qbid bin-numru ta' referenza 1569/2018 jiġu rilaxxati a favur tas-soċjeta' rikorrenti, u fin-nuqqas tiddikjara li l-intimata hija debittriċi tas-soċjeta' rikorrenti għall-valur ta' dawn l-oġġetti u għad-danni kkawżati, tillikwida tali ammont u tikkundanna lill-intimata tħallas l-ammont likwidat lis-soċjeta' rikorrenti;

iii. tiddikjara li l-intimata hija debittriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammonti li ser jiġu ppruvati waqt is-smiegħ tal-kawża, tillikwida tali ammonti u tikkundanna lill-intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

iv. tiddikjara li l-intimata kkawżat danni lis-soċjeta' rikorrenti, tillikwida tali danni u tikkundanna lill-intimata tħallas l-ammont likwidat;

v. tiddikjara li l-intimata kisret diversi obbligi naxxenti mill-kuntratt tal-20 ta' Settembru 2017, tillikwida l-ammont dovut ai termini ta' klawżola 8 tal-kuntratt *de quo* bħala danni prelikwidati u tikkundanna lill-intimata tħallas dan l-ammont lis-soċjeta' intimata;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru ta' referenza 1569/2018, u bl-imgħax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni tagħha.

Rat illi għalkemm debitament notifikata, il-konvenuta baqgħet ma ppreżentatx in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha;

Semgħet il-provi;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat illi minkejja li tat il-fakolta` lil konvenuta sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet sal-14 ta' Frar 2019 baqgħet ma ppreżentat xejn;

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi hija d-direttriċi tal-kumpanija Reactilab Limited (C56095) li hija l-aġenta tad-ditta tal-prodotti tal-ġilda *Dr.Grandel Kosmetik* u d-ditta tal-prodotti tal-*makeup NEW CID Cosmetic*. Minn naħa l-oħra, il-konvenuta tiġġestixxi negozju bl-isem ta' 'Hush Hair & Beauty Salon' ġewwa l-Qawra. Fl-20 ta' Settembru 2017, il-partijiet daħlu fi ftehim[1], fejn l-intimata kellha tikri mingħand l-attriċi żewġ *stand* armati bil-prodotti tad-ditti suriferiti għal-sitta u sittin u sittin Ewro u sebgħa u sittin

[1] Kuntratt ta' bejn il-partijiet a fol 5

ċenteżmu (€66.67) għal-tmintax-il xahar. Il-prodotti kellhom jinbiegħu mill-konvenuta *on consignment basis* filwaqt li l-prodotti u l-*stands* kellhom jibqgħu propjeta' tal-attriċi sakemm il-konvenuta tbiegħ il-prodotti.

Ġara illi l-konvenuta għamlet pagament wieħed biss u eventwalment ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet bdiet sejra lura tant li fil-31 ta' Ottubru 2017, Maria Attard, id-direttriċi ta' Reactilab Limited ma kellhiex għazla oħra illi  tinforma lil konvenuta li jkun aħjar li tintemm ir-relazzjoni kummerċjali tagħhom u għalhekk qablu li l-konvenuta kellha tirritorna lura l-*stands* u l-prodotti kollha fid-data mifthema minnhom. Meta waslet il-ġurnatra mifthema, l-attrici pruvat tikkuntattja lil konvenuta sabiex tikkonferma li se jsir il-ġbir tal-prodotti iżda kien kollu ta' xejn u għalhekk l-attriċi ma kellhiex għażla oħra ħlief li tikkanċella t-trasportatur li kienet qabbdet biex iġorr l-*stands* u l-prodotti. Saru żewġt tentattivi oħra minn naħa tal-attriċi sabiex jinġabru l-affarijiet in kwistjoni iżda jew sabu l-ħanut tal-konvenuta magħluq jew ma rnexxilhomx jagħmlu kuntatt mal-konvenuta. Kull darba l-attriċi inkorriet spejjeż li in toto jammontaw għal-mija u għoxrin Ewro (€120).

Illi konsegwentament l-attriċi intavolat Mandat ta' Qbid Kawtelateorju (1569/2018AF) illi permezz tiegħu ġew elevati iż-żewġt *stands* (li wieħed minnhom ġie misjub imkisser) li flimkien jammontaw għal-ħamest elef Ewro (€5,000). Inoltre l-intimata kienet  xtrat ukoll prodotti tad-ditta *New CID Cosmetics* b'valur ta' erbat elef, tmienja u disgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€4,098.23), pero ma ħallset xejn minn dan"[2]

Apparti minn hekk kien hemm "b'€2,214,91 prodotti fl-*istand* ta' *Dr Grandel Kosmetik* u b'€1,200 *testers* fl-*istand* ta' *New CID Cosmetics* illi meta gew elevati l-oggetti permezz tal-mandat ta' Qbid, instabu xi oġġetti minn dawn neqsin u oħrajn danneġġjati u ta dan is-soċjeta attriċi tistenna kumpens. L-attriċi targumenta illi peress li meta l-konvenuta ma baqgħetx tħallas r-rati mensili mitluba minnha kissret il-klawsola numru 3.4 tal-kuntratt u għalhekk l-attriċi tistenna kumpens sad-data meta l-*stands* ġew elevati u cioe sa Ottubru 2018 li jammonta għal-tmien mitt Ewro u erba' ċenteżmi (€800.04)

Illi fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien hemm stipulat illi l-konvenuta għandha tħallas elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) għal kull istanza li hi tikser l-obbligi tagħha u li skond l-attriċi, il-konvenuta kissret ħames klawsoli, speċifikament l-klawsoli 3.4,  3.5,  3.6,  3.7 u 3.8, għal-ammont totali ta' tnax-il elf u ħames mitt Ewro (€12,500).

[2] Affidavit ta' Maria Attard a fol 27.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ġie spjegat ben tajjeb fil-kawża Renato Aquilina et vs Christopher James Arthur Townshend – Prim'Awla - 16.10.2017: Illi jekk tħares lejha mil-lat oġġettiv, kontumaċja tfisser, iktar milli ma tkunx preżenti waqt is-smiegħ fil-kawża, li ma tiddefendix ruħek – *non defendere videtur, non tantum qui latit, sed is qui praesens negat se defendere, aut non vult suscipere actionem* (1. 52, ff. *de div. regul.jur.).*

Illi lil hinn mill-użu tagħha fil-foro legali, fl-ilsien Taljan, il-kelma *contumacia* kienet oriġinarjament tfisser diżubbidjenza b'riżultat ta' suppervja; li wieħed ma jbaxxix rasu għall-awtorita` tal-Knisja minkejja l-konsegwenza serja li jista' jiġi skumnikat; f'termini iktar ġenerali li wieħed ma jbaxxix rasu quddiem superjur tiegħu: "Contumacia è quando l'uomo hae in dispetto suo maggiore, e negali di fare l'onore o 'l servigio che per ragione li dé fare " (XXV 14). Skont il-**Libro de' vizî e delle virtudi**ta' **Bono Giamboni**, il-kontumaċja "è elencata tra i vizi che derivano dalla vanagloria."[3]

Illi fi żminijiet bikrija, kienu jintużaw mezzi iktar enerġiċi biex iġiegħlu lill-konvenut jidher għall-ġudizzju: l-attur kien awtorizzat ikaxkar lill-konvenut riluttanti – *abtorto collo* (litteralment: b'għonqu mgħawweġ. Fil-lingwaġġ komuni Ruman din il-frażi kienet tfisser li wieħed ikun imġiegħel jagħmel xi ħaġa) għal quddiem l-imħallef. Iktar tard bdew jintużaw mezzi inqas goffi iżda xorta waħda ħorox, bħas-sekwestru tal-ġid tal-konvenut (*l'immissio in bonorum possessionem*). Jekk minkejja dan kollu l-konvenut kien xorta waħda ma jitfaċċax (sakemm ma tkunx ġa bdiet l-ewwel fażi msejjħa *in jure*) il-kawża ma kinitx tista' titkompla għax il-*litis contestatio* ma setgħetx isseħħ mingħajr il-parteċipazzjoni taż-żewġ partijiet fil-kawża (ara fost l-oħrajn Bonamici, *Storia della procedura civile romana* (Pisa, 1886), vol. 1 p. 578). Għal raġunijiet ovvji, din is-sistema la kienet loġika u l-anqas ġusta; la mal-attur u l-anqas mal-konvenut. Minħabba din il-ħruxija, kien jingħad fl-awli tal-qrati li *"contra contamaces omnia jura clamant".*

Illi biż-żmien, il-liġi evolviet b'mod li l-preżenza tal-konvenut ma baqgħetx indispensabbli billi beda jitqies li jekk ma jidhirx ikun qiegħed jikkontesta t-talba. L-attur beda jista' jressaq il-provi tiegħu u, jekk jirnexxielu jipprova l-każ tiegħu, il-konvenut kien jiġi kkundannat bħala kontumaċi, fis-sens li ma jkunx obda l-ordni tal-Qorti biex jidher quddiemha.

Għalkemm ma baqgħetx il-ħtieġa tal-preżenza tal-konvenut biex tkun tita' ssir il-kawża, xorta waħda baqgħu it-traċċi ta' qabel li jikkastigaw lill-konvenut talli jonqos li jidher u jiddefendi lilu nnifsu. Illum il-kontumaċi huwa ppenalizzat billi ma jitħalliex jikkontradixxi l-fatti mressqin mill-attur u lanqas jitħalla jressaq il-provi tiegħu. Id-difiża tiegħu hija għalhekk imdgħajjfa sew.

Illi huwa utli li l-Qorti tfakkar l-ammoniment mogħti mill-kumitat tal-Permanent Law Reform Commission fir-rapport tiegħu tat-22 ta' Novembru 1993:

"The obtaining position with regard to default varies depending upon the manner in which the proceedings are instituted, and that is whether by writ of summons or libel, as well as depending

[3] Renato Aquilina et vs Christopher James Arthur Townshend – PA - 16.10.2017

upon whether  the proceedings are taken in the inferior or superior courts or on a first or second instance.  Though the possibility of default exists  in all cases the matter is visited with the full vigour of the law only in the case of proceedings instituted by writ of summons in the Superior Courts.  In such cases section 158(9) provides that if the defendant makes default in filing the statement of defence and declarationmentioned in that section, the court shall give judgement as if the defendant failed to appear to the summons, unless he shows to the satisfaction of the court a reasonable excuse for the default in filing the statement and declaration within the prescribed time.

"**The Commission is of the opinion that this provision is excessively formalistic and ritualistic** (emfasi miżjuda mill-Qorti) in its view of the proceedings.  The right to a fair hearing inherent in a party is very often, in this manner, made dependent on the efficiency or otherwise of the lawyer entrusted with his defence.  Moreover the Commission has noted that other Courts do not always adopt a standard rule in qualifying as culpable or othewise the failure to present the defence in good time.  When one considers the serious consequence attendant at law upon default,  a situation where a standard rule is not applied throughout is unacceptable.

"The Commission has also directed its study to the position obtaining in foreign jurisdictions.  The comparative ease with which default can be curred in these jurisdictions compares starkly with the position obtaining in Malta.  The position in England goes further than anywhere else and allows a default judgement to be set aside if the defendant can show to the satisfaction of the court that he had a good defence which he could have set up to the claim ( John O'Hare and Robert N. Hill, Civil Litigation, p. 251.).  In Italian procedure it is possible for the defendant to cure his default by putting in an appearance, even at a later stage than that established for raising his defence (Satta, Commentario al Codice di Procedura Civile, p. 387).  The Commission favours the amendment of Maltese law to bring it in line, on this point,  with the position obtaining  in other foreign jurisdictions.

"The Commission is therefore suggesting that the position should be amended so that a party will be allowed to cure his default if he can show to the satisfaction of the court that there was no fault on his part in the default or that prima facie he can put up a defence to the claim".

L-emenda għall-artiklu 158 fir-rigward, kif proposta mill-Kummissjoni, kienet taqra hekk:

"If the defendant makes default in filing the statement of defence and declaration mentioned in this section, the court may, after hearing such evidence as it may consider necessary, give judgement as if the defendant failed to appear to the summons, unless he shows to the satisfaction of the court a reasonable excuse for his default in filing the statement and declaration within the prescribed time, or unless he satisfies the court that he has  a prima facie defence, in law or in fact, to the action on the merits or unless he otherwise discloses such issues of law or of fact as may be deemed sufficient to entitle him to defend the action".

Fil-fatt, is-suġġeriment tal-Kummissjoni intlaqa' mil-leġislatur, anke jekk b'mod attenwat.  Il-liġi illum taqra hekk:

"(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa'kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li

jmiss. *Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*"(il-parti fl-italics ġiet miżjuda mil-leġislatur).

Illi forsi s-sentenza bl-ikbar orjentament teleoloġiku fir-rigward tal-istitut tal-kontumaċja hija dik ippronunzjata mill-Qorti tal-Appell, kolleġjalment komposta, in re: **Costantino Abela v George Azzopardi** (22.05.1990 Kollez Vol LXXIV.ii.337):

"Is-sinjifikat oriġinali u preċiż tal-kontumaċja, fil-konnotat ġuridiku tagħha, huwa n-nuqqas tal-konvenut li jkun preżenti għall-ġudizzju u dan minħabba motivi inġustifikanti inkwantu dik l-assenza tindika d-disubbidjenza għall-ordni tal-Qorti, indoċilita` tas-suġġett tad-dritt għar-rikjam tal-organi ġudizzjarji; renitenza għal dak li hu obbligatorju, u allura arroganza tal-konvenut fil-konfront tal-Ordinament tal-Proċeduri Ġudizzjarji;

"Il-preżenza tal-konvenut fil-kawża – fis-sens ġuridiku tal-kelma tfisser li huwa jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni ġuramentata fiż-żmien stabbilit fil-liġi u meta ma jagħmilx dan u ma jiġġustifikax dik l-ommissjoni, għandu jiġi kkunsiddrat kontumaċi – kif kjarament tiddisponi l-liġi. Il-kontumaċja għalhekk trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest illi assenza mill-atti trid tiġi kkonfermata b'assenza wkoll mill-udjenza – biex il-konvenut jiġi ritenut bħallikieku kontumaċi.

Illi l-konvenuta qatt ma dehret għas-seduti tal-Qorti u wisq anqas tat l-eccezzjonijiet tagħha, għaldaqstant, il-konvenuta hija kontumaċi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi u tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tas-soċjeta attriċi fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf u żewġt Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€26,002.83) rappreżentanti danni subiti mis-soċjeta` attriċi u konsegwentament tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas din is-somma lis-soċjeta` attriċi bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża a kariku ta' l-istess konvenuta flimkien ma dawk ta' qbid kawtelatorju bin-numru ta' referenza 1569/2018.

Onor. Imħallef
Grazio Mercieca